

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' April 2015 – Yoworld vs UASI – Nestlé (yogorino)(Kawża T-246/14) ⁽¹⁾**("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")**

(2015/C 221/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Yoworld SA (Lussemburgo, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: A. Tornato u D. Hazan, avukati)

Konvenut: L-Uffiċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Bonne, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Société des produits Nestlé SA (Vevey, l-Isvizzera)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Diċembru 2013 (Każ R 115/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn is-Société des produits Nestlé SA u Yoworld SA.

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*
- 2) *Ir-rikorrenti u l-parti l-oħra fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll, kull waħda minnħom, in-nofs ta' dawk esposti mill-konvenut.*

⁽¹⁾ ĠU C 235, 21.7.2014**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2015 – Ertico – Its Europe vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-499/14) ⁽¹⁾**("Rakkomandazzjoni 2003/361/KE — Kriterji ta' definizzjoni ta' impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fil-politiki tal-Unjoni — Deċiżjoni tal-Bord ta' Validazzjoni tal-Kummissjoni — Irtirar tad-deċiżjoni — Tniemi tas-suġġett tat-tilwima — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")**

(2015/C 221/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: European Road Transport Telematics Implementation Coordination Organisation – Intelligent Transport Systems & Services Europe (Ertico – Its Europe) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: M. Wellinger u K. T'Syen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal u M. Clausen, aġġent)